**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 57**

**Data:** **24 ta' Awwissu 2023**

**Hin:** **09.00am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| | |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

## AGENDA

57.1 Qari tal-ittri ta' Apologiji;

57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

57.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

57.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

57.5 Korrispondenza u Rapporti;

57.6 Jum l-Gharb;

57.7 Festivals u attivitajiet fix-xhur li gejjin;

57.8 Progetti u xogholijiet

57.9 Skeda ta' Pagamenti;

57.10 Materji ohra;

57.11 Tmiem tal-laqgha.

---

**57.1 Qari tal-ittri ta' Apologiji**

57.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

**57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

57.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**57.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

57.3.1 Is-Sindku ma kellu ebda komunikazzjoni.

**57.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

57.4.1 Gew trattati s-segwenti mistoqsijiet minghand il-Kunsillier Joseph Mizzi:

Mistoqsija 1. Nixtieq inressaq proposta, fil-fehma umli tieghi nahseb li hija utli, fejn nissuggerixxi li fil-hin ta' matul il-lejl, wara li jaqbez certu hin, il-floodlights li hemm Triq il-Knisja, fil-pjazza tal-Gharb u pjazzetta l-Isqof Nikol Cauchi. Din il-proposta qed nitlob li tigi indirizzata sabiex nahdmu b'risq il-kontroll ta' energija u n-nuqqas ta' light pollution fiz-zona. Dan anke fid-dawl ta' rapport li gie ppublikat bi statistika ta' ammont ta' tniggis ta' dawl fl-Gharb. Nittama li l-membri kollha tal-Kunsill jifhmu l-importanza ta' din il-proposta.

Is-Sindku wiegeb li d-dawl huma kontrollati minn *sensor* li jinsab fejn is-substation ta' Triq il-Vizitazzjoni u dan jikkontrolla skond id-dawl tal-gurnata. Huwa qal ukoll li bejn il-11pm u 5am id-dawl jitbaxxa awtomatikament. Tonio Mifsud qal li kienu sewwa s-*sensor* ma jkunx daqshekk sensittiv fejn tkompliet id-diskussjoni u l-Kunsill qabel li minhabba sigurta' ahjar kif inhu.

57.4.2 Gew trattati s-segwenti mistoqsijiet minghand il-Kunsillier Tonio Mifsud:

Mistoqsija 1. Nitlob li qabel ma jigi ppublikat programm ta' attivitajiet organizzati mill-Kunsill, dan ghandu jkun diskuss bejn il-membri kollha, dan ghal fatt illi qed nigu mistoqsijin min-nies dwar il-programm u ma inkunux f'posizzjoni li mweiegbuhom.

Is-Sindku wiegeb li l-program kien gie diskuss waqt l-ahhar laqgha bi qbil li dan jerga' jigi diskuss waqt din il-laqgha.

57.4.3 Nitlob f'liema stadju wasal il-process ghax-xiri tal-Generator halli jkun disponibbli ghal attivitajiet tal-lokalita' b'mod specjali ghall-attivita' li jmiss tal-Festa ta' San Dimitri li huwa tant bzonnjuz.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

Is-Sindku wiegeb li l-Kunsillier Tonio Mifsud illi ma kienx f' qbil li jinxtarta il-generator u li li kien oggezjona ghall-generator. Tonio Mifsud qal li dan mhux minnu. Is-Sindku zied jghid li issa li iffacjat minn sitwazzjoni ta' qtugh ta' elettriku qed jibdel l-versjoni. F'twegiba ghax-xiri tal-generator inghat li dan qieghed fil-process sabiex jinxtara kif kien maqbul fl-laqgha precidenti.

57.4.4 Qed nerga inressaq it-talba illi kont ghamilt fil-bidu tal-legislatura dwar il-business cards u email address ghall-Kunsilliera kollha.

Is-Sindku talab sabiex jigi infurmat ftit qabel meta jsiru d-domani peress li dawn kienu waslu tard u qal li ghal din id-domanda ma kienx hemm twegiba.

57.4.5 Gejt avvicinat minn residenti illi joqghodu fi Triq Tumas Cassar u ressqu il-hsieb taghhom illi peress li ser issir Triq gdida ikun ferm utli u ghaqli li terga ssir talba formali lil Ministeru u l-entita' koncernata sabiex il-cables tad-dawl jigi mghoddija minn trinka that l-art, diment illi x-xoghol tat-triq ghadu ma bediex.

Is-Sindku qal li huwa qieghed f'kuntatt mall-Ministeru ghal Ghawdex dwar il-progett tat-toroq. It-trinka hija stamata li ser tiswa madwar €500 kull metru jimxi. Huwa zied jghid illi illum stess kien bghat email lill-Ministru u lid-Direttur dwar dan il-kaz. Miriam Borg qalet li huwa importanti li z-zmien ma jitwalx fejn is-Sindku qal li hemm *target date* u l-Kunsill ser ikun qed jimxi maghha.

**57.5 Korrispondenza u Rapporti**

57.5.1 Giet trattata s-sejha ta' Ufficjal fi Skala 13 fejn kien hemm applikazzjoni wahda. Il-Kunsill iddiskuta din l-applikazzjoni u approva l-hatra ta' l-iskrivan ghal Ufficjal fi Skala 13.

57.5.2 Giet trattata korrispondenza minghand Transport Malta fir-rigward ta' Disabled Parkings wiehed fi Triq l-Arcipriet G. Camilleri u Triq Frenc ta' l-Gharb. Il-Kunsill iddiskuta dawn l-applikazzjonijiet u qabel li ghandhom jigu approvati.

57.5.3 Giet trattata Cirkulari numru 14/2023 dwar Tindif tal-Storm Water Culverts. Il-Kunsill iddiskuta l-materja u qabel li dawn ghandhom jitnaddfu mill-istaff tal-Kunsill u tintalab ghajnuna lill-Ministeru ghal Ghawdex ghal aktar assistenza u uzu ta' makkinarju.

57.5.4 Giet trattata korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-iskema SPI/SCI/3/2023 fejn il-Kunsill gie infurmat li kien qed jinghata l-fondi. Giet diskussa din il-materja fejn il-Kunsill qabel li ser ikunu qed jippartecipaw l-adoloxxenti b'attivita' fejn l-arkata ta' Triq ta' Sdieri fl-14 ta' Settembru.

57.5.5 Gew trattati s-segwenti applikazzjoni ta' l-Awtorita' tal-ippjanar:
PA/04748/23, PA/04706/23, PA/03151/23, PA/04649/23, PA/04440/23 u PA/04507/23. Fir-rigward tal-applikazzjoni numru PA/0440/23, il-Kunsill qabel li ghandu jivverfika jekk fil-pjanti humiex qed jidhru li hemm twieqi jaghtu ghal fuq l-iskola primarja u jekk hu hekk ghandha ssir oggezzjoni.

57.5.6 Is-Sindku spjega li l-Community Police kien qieghed iqassam ittri mar-residenti sabiex jara min hu interessat li jippartecipa f'din l-inizjattiva.

**57.6 Jum l-Gharb**

57.6.1 Kif gie diskuss precedentament Jum l-Gharb din is-sena ser ikun qed jigi ccelebrat fit-3 ta' Settembru. Is-Sindku qal li huwa ddiskuta ma' l-Arcipriet biex jara jekk il-Quddiesa ta' l-10am tista' tkun ghal Jum l-Gharb fejn dan ta' l-ahhar ikkonferma li mhux problema. Il-program ser jinkludi fih ukoll it-tqeghid ta' fjuri quddiem il-monument segwit b'attivita' fil-pjazza. Is-Sindku ppropona li li l-pjazza tigi mghammra b'umbrellel u siggijiet kif ukoll palk li jigi armat skond kif tkun ix-xemx fil-pjazza. Huwa ppropona ukoll li jkun hemm il-group Joygivers janima fil-pjazza. Gie spjegat li l-Kunsill kellu fondi ukoll ghall-Cantata li nkitbet minn Mario Borg u b'muzika tas-Surmast Antoine Mercieca. Bhala kantata jkun hemm Maria Portelli. Din il-kantata tirrigwardja it-tradizzjonijiet fl-antik. Joseph Mizzi staqsa jekk kienx applika xi hadd biex jiehu sehem bhala talenti u inghat li kien hemm tfajla wahda. Il-Kunsill kompla jiddiskuti fejn qabel ma' dak propost kif ukoll li ghandu jkun hemm ikla f'nofsinhar. Ghal din kienu ser jintalabu kwotazzjonijiet. Tonio Mifsud staqsa jekk jistghux jiehdu hsieb tal-festa ghal din l-ikla pero' is-Sindku qal li dan huwa jum uniku fejn f'dik l-okkazjoni l-ghaqdiet ghandhom jistriehu u igawdu mall-bqija tar-residenti. Il-program ta' l-attivitajiet ser jinkludi fih ukoll diskorsi u premijiet u saret suggeriment li jigi inkluz ukoll il-progett AMPPA. Joseph Mizzi staqsa jekk il-banda hux ser tippartecipa fejn is-Sindku spjega li s-Surmast tal-banda kien qed jara l-possibilita' pero' ser tkun ftit difficli peress li l-bandisti huma impenjati fil-festi. Jekk ikun hemm il-possibilita' dan isir qabel il-quddiesa. Il-Kunsill qabel mall-program kif propost u diskuss.

57.6.2 Gew diskussi ukoll il-premijiet fejn il-Kunsill qabel ma' dawn segwenti:

Premju Gieh l-Gharb - Jinghata lil Nigel Bax

Premju Qlub Generuzi – Joseph Vella

Premju Volontarjat Lokali – Bernardette Vella

Premju The Gharb Gozitan Cultural Award – Joe Camilleri

Premju Artigjanat – Katrin Formosa

Personal Achievement Award – Charmaine Micallef

Il-Kunsill qabel unanimament li jintroduci premju Gdid bl-isem Premju Atleti Gharb fejn qabel li jinghata lil Godwin Micallef, Stefan Azzopardi, Daniel Spiteri.

**57.7 Festivals u attivitajiet fix-xhur li gejjin**

57.7.1 Gew diskussi l-festivals u l-avvenimenti ghax-xhur li gejjin:

12 ta' Novembru gie propost li jsir il-Herbs Festival.

17 ta' Novembru giet proposta li ssir l-Opra. Gie spjegat li minhabba li l-fondi huma limitati l-probabilita' hija li ssir zghira fejn ikun hemm 5 kantanti akkumpanjati bi pjanu. Tonio Mifsud issugerixxa li tigi mistiedna Miriam Cauchi biex tiehu sehem pero' gie spjegat li meta giet mistiedna precedentament hija kkonfermat li dawn ma jkunux tal-

livel taghha.

14 – 15 ta’ Ottubru gie propost biex isir il-Kite and Wind Festival.

Il-Kunsill qabel ma’ dawn l-attivitajiet.

57.7.2 Gew diskussi ukoll l-attivitajiet tal-Milied. Gie spjegat li mill-Ministeru ghal Ghawdex il-Kunsill gie mistieden sabiex jinforma dwar dak li jixtieq li jikkreja ghall-Milied. Miriam Borg staqsiet x’kien inxtara s-sena l-ohra fejn gie spjegat li kienu inxtraw il-linef. Il-Kunsill ghandu l-ice rink u bhala kmamar irridu nahsbu ghalihom. Miriam Borg issugerit li jsiru dawl fuq l-ice rink biex tkun aktar atraenti. Tonio Mifsud issugerissa li naghtu spinta lil carol singing u attrazzjonijiet simili. Is-Sindku staqsa jekk nibdew mit-13 ta’ Dicembru ‘il quddiem. Joseph Mizzi staqsa dwar il-girja li ssir ta’ kull sena. Gie diskuss ukoll l-attivita’ ta’ Father Christmas li saret is-sena l-ohra gewwa l-muzew fejn il-Kunsill qabel li ghandha terga ssir. Is-Sindku qal ukoll li tkun idejali li jinxtara dawl tal-Milied li jigi armat mill-Kumitat tal-festa u jinzamm minnhom stess biex jibqghu jaghmluh huma kull sena. Il-Kunsill qabel ma’ din l-ideja.

Joseph Mizzi qal li tajjeb li jsir tizjin gewwa Pjazza Gerano. Gie spjegat li it-tizjin issir ta’ kull sena f’ Pjazza Gerano kif ukoll fi Pjazza San Pietru ghal dawn l-ahhar snin. Din is-sena l-Kunsill ser ikun qed izanzan ukoll il-Presepju. Tonio Mifsud issugerixxa li jsir karru dekorattiv bi zwiemel u jsiru rides madwar il-Knisja. Tkompliet id-diskussjoni fejn gie innotat li ghall-ice-rink dejjem ikun hemm tlett persuni involuti u gie li jkun hemm granet li ma jkunx hemm nies ghaldaqstant l-ahar li jkun hemm granet partikolari meta tinfetah l-ice rink. Sar suggeriment biex jinfetah kif segwenti: 8-10, 13, 14.15-17, 18, 19, 20, 21,22, 23 26-29 u 30 ta’ Dicembru. Il-Kunsill qabel li jsir program fuq zewg weekends u jerga jigu diskussi.

**57.8 Progetti u xogholijiet**

57.8.1 Is-Sindku spjega li kien inhareg il-permess ghall-pool.

57.8.2 Kien hemm ukoll approvazzjoni tal-Pannelli u li dwarhom kien hemm il-progett.

57.8.3 Fir-rigward ta’ Triq Tumas Cassar ix-xogholijiet huma mahsuba li jibdew wara l-Vitorja.

57.8.4 Fir-rigward tal-Progett tat-toroq rurali kien hemm il-kuntrattur lest u ser ikun qed jibda’ x-xogholijiet. Fuq dan il-progett kien hemm savings u li kienet qeghda ssir talba sabiex dawn jintuzaw ghal toroq ohra.

**57.9 Skeda ta’ Pagamenti**

57.9.1 L-iskeda tal-pagamenti giet approvata.

**57.10 Materji ohra**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA**<br>David Apap Agius<br>Sindku | **IFFIRMATA**<br>Emily Amatulli-Depasquale<br>Segretarju Ezekuttiv |

57.10.1 Is-Sindku spejga li hemm sqaq fil-bidu ta' Triq il-Knisja fejn ghadu bla isem u ghandu bzonn ukoll ta' resurfacing. Gie ghalhekk huwa ssugerixxa li l-ewwel issir ricerka biex jigi identifikat hux privat jew le. Gie ukoll diskuss il-possibilita' ta' isem fejn il-Kunsill qabel li jinghata l-isem bhala Sqaq tal-Badi. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din l-ghazla. Gie innotat ukoll li qabel isir l-isem tkun trid tintbghat ittra lis-sidien ta' djar f'dan l-isqaq. Apparti dan l-isqaq hemm sqaq iehor li ghadu bhal isem li huwa dak ta' ma' genb il-Kunvent fejn il-Kunsill qabel li dan jinghata l-isem ta' Sqaq tas-Sorijiet. Il-Kunsill qabel ukoll li dawn isiru mill-kuntrattur li ser ikun qed jaghmel l-isqaq ta' Triq Molina.

57.10.2 Is-Sindku spjega li kien hemm il-possibilita' li l-Kunsill jinghata fondi ghal-latrina automatika ohra. Giet diskussa din il-materja fejn il-Kunsill qabel unanimament li tigi proposta l-latrina ta' Triq Trux sabiex din ukoll issir automatika.

**57.11 Tmiem tal-laqgha**

57.11.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis 28 ta' Settembru 2023 fid-9.00am.

57.11.2 Il-laqgha spiccat fil- 10.05am.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |